MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Numru. 125/2011

**Il-Pulizija**
**[Spetur Trevor Micallef]**

**vs**

**Joshua James Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru 125/2011

**Illum, 7 ta’ Marzu 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joshua James Camilleri, iben Vincent u Patricia nee Oliva, imwieled fit-12 ta’ Marzu, 1993, Pieta u residenti fil-fond numru 57, Pepprina, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 133893(M)

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Dicembru, 2010 ghal habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghodu (04:30am) minn Triq Profs. Walter Ganado, Pembroke u/jew fil-vicinanzi:
1. bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt billi ittanta jikkometti serq ta' vettura ta' l-ghamla Daewoo , b'numru ta' registrazzjoni JAA 969, mobile phone u kartiera li kien fiha Euro 300, ghad-dannu ta' Stefan Carabott, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (aktar minn €2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' diversi partijiet minn vettura ta' l-ghamla Deawoo, b'numru ta' registrazzjoni JAA 969, liema hsara tammonta ghall anqas minn Euro 116.47 izda aktar minn Euro 23.29 ghad-dannu ta' Stefan Carabott.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja llum 7 ta' Marzu 2011 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghaljhhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-eta tieghu, l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni

f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jhallas is-somma ta' €73.65 lill-parte leza.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat ir-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija u jekk jikkometti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti qed tordna ukoll in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation biex jigi nominat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------